MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2422/2000/1

**Cit Nru: 2422/00 JA.**

**Bank of Valletta plc.**

**-vs-**

**1. Grip Company Limited;**
**2. Mark Zammit; u**
**3. OG Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fi li bih l-bank attur ippremetta:

Illi bit-termini u l-kkundizzjonijiet msemmija f' zewg kuntratti datati 21 t' April, 1995 in atti n-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler (Dok "A" u Dok "B") is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenuta socjeta' kummercjali Grip Company Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Grip Company Limited fis-somma ta' tmieja u erbghin elf, tmien mija u tmienja u tletin Liri Maltin u wiehed u sittin cenezmu (Lm48, 838.61) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Grip Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C42" u Dok "D1 sa D7" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi b' zewg kuntatti datati 21 t' April, 1995 in atti n-Nutar Dottor Peter Fleri Soler (Dok "A" u Dok "B") u bit-termini u l-kundizzjonijiet ismemmija f' skrittura privata datata 1 t' April, 1995 (Dok "E") il-konvenut Mark Zammit iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Grip Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Grip Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi b' zewg kuntratti datati 21 t' April, 1995 in atti n-Nutar Dottor Peter Fleri Soler (Dok "A" u Dok "B") u bit-termini u l-kundizzjonijiet ismemmija f' skrittura privata datata 21 t' April, 1995 (Dok "F") is-socjeta' konvenuta O G Company Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Grip Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Grip Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 15 ta' Gunju, 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "G", , Dok "H" u Dok "I", sabiex

ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' Grip Company Limited, lil Mark Zammit u lis-socjeta' OG Company Limited jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmieja u erbghin elf, tmien mija u tmienja u tletin Liri Maltin u wiehed u sittin cenezmu (Lm48, 838.61) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Grip Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C42" u Dok "D1 sa D7" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali daati 15 ta' Gunju, 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahluf u l-lista tax-xhieda tal-Bank attur.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fil-21 ta' Frar, 2002, li permezz taghha eccepew:

1. Illi s-societa' Grip Company Limited ma' hadet l-ebda flus b' self minghand il-Bank attur.

2. Illi ghalhekk il-konvenuti garanti m' ghandhomx responsabbilita' ghall-hlas.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju il-komputazzjoni tas-somma pretiza mhix skond il-ligi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn Walter Zammit fil-21 ta' Frar, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2003 illi permezz tieghu il-Kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza semplici ta’ kreditu bankarju a bazi ta’ zewg kuntratti u skrittura li gew indikati fic-citazzjoni u esebiti mal-istess. Il-konvenuti eccepew illi s-socjeta Grip Company Limited ma hadet ebda self u kwindi lanqas il-konvenuti l-ohra bhala garanti ma ghandhom jaghtu xejn lill-Bank. L-atti processwali juru xorta ohra u d-dokumenti esebiti mill-bank u x-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit ma gew b’ ebda mod kontradetti.

Din il-Qorti tiddeplora l-attegjament tal-konvenuti kollha li ippresentaw l-eccezzjonijiet u ma ndenjawx ruhhom iressqu provi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti solidalment bejnithom ihallsu lill-bank attur is-somma ta’ tmienja u erbghin elf tmien mija u tmienja u tletin lira u wiehed u sittin centezmu (LM48, 838, 61c) u imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2000 sal-pagament effettiv; bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali u mandati imsemmija fic-citazzjoni jigu sapportati kollha mill-konvenuti solidalment.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------